**13 ta' Ottubru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Benedict H. Dingli, L.P.

**Provi — Traffiku — "Parking" — Liċenza.**

*Hu veru li f'ċerti ċirkustanzi r-regola li l-prova tal-imputazzjoni tmiss lill-Prosekuzzjoni, li qegħdha taddebita l-imputat b'reat, tieqaf hemm jekk u wara li l-Prosekuzzjoni tkun ippruvat xi ċirkustanza li tkun ikkreat "prima facie" prova favur il-Prosekuzzjoni, u allura jmiss lill-imputat li jeskludi dik il-preżunzjoni; imma jeħtieġ li verament tkun ġiet kreata din il-prova 'prima facie" favur il-Prosekuzzjoni; jeħtieġ li l-inferenza mill-fatt pruvat tkun inferenza univoka.*

*Hekk, fil-każ ta' imputazzjoni li karrozza ġiet ipparkjata f'post fejn ma jistgħax isir "parking", il-prova li l-karrozza hi "private", u li l-liċenza hija ntestata f'isem l-imputat, mhix prova "prima facie" li l-"parking" għamlu l-imputat; għax dik il-prova hi ekwivoka, u mhix tali li tirriversa fuq l-imputat il-piż tal-prova kuntrarja; u jekk il-Prosekuzzjoni ma ġġibx provi oħra li jsostnu l-imputazzjoni, l-imputat ma għandux "a case to answer"; u lanqas ma hemm lok għall-komment li hu ma offriex ix-xhieda tiegħu kontra l-imputazzjoni.*

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha l-imputat ġie misjub ħati talli fil-Belt Valletta, fit- 2 ta' Awissu 1962 fin-nofs sigħa ta' wara nofsinhar, ipparkja car numru 22717 f'South Street, f'post fejn kien hemm sinjal tat-traffiku li jindika li ma tistgħax tipparkja, u ġie liberat taħt l-art. 9 tal-Ord. XII tal-1957, bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien tliet xhur;

Fuq l-appell tal-imputat, li talab l-assolutorja, din il-Qorti kkunsidrat;

Jekk wieħed jaddentra ruħu sewwa fis-sentenza tal-Illustrissimu Maġistrat, isib li r-raġunament imqiegħed a bażi tal-pronunzja tiegħu kien sostanzjalment dan: il-liċenza

tal-car hi ntestata f'isem l-imputat; din iċ-ċirkustanza kienet tikkostitwixxi prova ndizzjarja li kien l-imputat li pparkja l-car hemm, u kienet ta' forza tali li l-oneri tal-prova sposta ruħu minn fuq il-Prosekuzzjoni għal fuq l-imputat. Fil-fatt, kompliet tgħid l-Ewwel Qorti, l-imputat lanqas offra x-xhieda tiegħu biex jeskludi dan l-indizju;

Hu veru li f'ċerti ċirkustanzi r-regola li l-prova tal-imputazzjoni tmiss lill-Prosekuzzjoni, li qegħdha taddebita lill-imputat bir-reat, tieqaf jekk u wara li l-Prosekuzzjoni tkun ippruvat xi ċirkustanza li tkun ikkreat prova "prima facie" favur il-Prosekuzzjoni, u allura jmiss lill-imputat li jeskludi din il-preżunzjoni (ara App. Krim. "Pul. vs. Caruana", 26 ta' Ġunju 1937; ara wkoll Taylor, On Evidence, Vol. I, p. 288, para. 371 et seq.; u Powell, On Evidence, p. 155); jeħtieġ, però, li verament tkun ġiet kreata din il-prova "prima facie" a favur tal-Prosekuzzjoni. Jeħtieġ li l-inferenza mill-fatt pruvat tkun inferenza univoka. Issa, bir-rispett kollu għall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tħossx li l-inferenza f'dan il-każ setgħet kienet univoka. Ankorkè l-car in kwistjoni kien "private", u ankorkè l-liċenza tal-car hi f'isem l-imputat, eppure l-inferenza minn dawn iċ-ċirkustanzi li kien l-imputat li pparkja l-car indebitament hija ekwivoka; u hija ekwivoka tant fil-każ in ispecie, għaliex ġie pruvat li anki mart l-appellant għandha "driving licence" (fol. 9), u kwindi setgħet kienet hi li kellha l-kontroll tal-car fil-mument rilevanti, kemm ukoll in ġenerali, għaliex, avvolja l-liċenza tal-car tkun f'isem il-kap tal-familja jew ta' individwu determinat, jista' jkun, kif jiġri ta' spiss, li l-car ikun misjuq minn membru ieħor tal-familje, jew komunkwe minn ħadd ieħor, per eżempju minn chauffer privat, anki okkażjonali. Għalhekk ma jidherx li jista' jingħad li ċ-ċirkustanza, weħedha, li l-liċenza ta' car privat iġġib l-isem tal-imputat, tikkrea prova "prima facie" kontra tiegħu, u tali li ġġib spostament tal-oneri tal-prova;

Għalhekk, ġa ladarba ebda prova oħra ma nġiebet mill-Prosekuzzjoni ħlief dik fuq imsemmija, li l-liċenza tal-car hija ntestata f'isem l-imputat, u ġa ladarba l-inferenza deduċibbli minn dak il-fatt hija ekwivoka, u mhux tali li tirriversa fuq id-difiża l-piż tal-prova kuntrarja, l-imputat ma kellux, kif jingħad, "a case to answer", u per konsegwenza l-komment dwar li l-imputat ma offriex ix-xhieda tiegħu ma jibqgħax aktar loku;

Għaldaqstant ma jistgħax jingħad li l-imputazzjoni ġiet pruvata għas-sodisfazzjon tal-Qorti;

L-Imħallef sedenti japprezza d-diffikultajiet tal-Pulizija li jaċċertaw min ikun ipparkja l-karrozza, u japprezza wkoll li, bin-numru kbir ta' vetturi pparkjati fejn ma jmisshomx, u f'toroq fejn jikkostitwixxu ngombru serju għat-traffiku, il-problema tal-"parking" hu serju, speċjalment il-Belt; iżda din mhijiex raġuni biex jiġu ndebitament applikati jew stirakkjati l-prinċipji ta' dritt probatorju, imma tista' tkun talvolta raġuni biex, "in lege ferenda", tiġi studjata mill-Awtorità l-espedjenza li tiġi stabbilita leġislattivament preżunzjoni li tirriversa l-piż tal-prova, wara li jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni l-fatt li joħloq dik il-preżunzjoni, fuq id-difiża dejjem kompatibbilment mal-prinċipju li, kif jesprimi ruħu l-Harris, Crim. Law p. 431, "the general burden of proof, i.e. of making out the guilt of the prisoner, rests on the Prosecution throughout the proceedings", fissens spjegat minn dak l-awtur;

Għar-raġunijiet fuq indikati, din il-Qorti tiddeċidi billi takkolji l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.